MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 452/2002/1

**Christopher Cardona**

**vs**

**Claudia Camilleri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 18 t'April 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi fil-perjodu bejn Frar 1996 u Dicembru 2001 il-kontendenti kellhom relazzjoni li minnha l-konvenuta welldet lil binha Justin, illum Cardona, fl-20 t'April 2000.

Illi bis-sahha ta' kuntratt pubbliku l-attur irrikonoxxa lill-imsemmi minuri Justin bhala ibnu;

Illi bis-sahha ta’ l-imsemmi rikonoxximent l-attur iddikjara illi huwa l-missier naturali tat-tifel minuri u konsegwentement talab illi ssir kwalunkwe annotazzjoni fl-att tat-twelid ta’ l-istess minuri skond il-ligi;

Illi fuq talba tal-konvenuta Claudia Camilleri s-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili ghogobha b’digriet taghha numru 256/2002, tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Justin Cardona f’idejn il-konvenuta filwaqt illi stabbiliet l-access ghall-istess minuri favur l-attur;

Illi fl-istess digriet is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili ordnat lill-esponent sabiex ihallas manteniment lill-istess minuri fis-somma ta’ hamsa u erbghin lira Maltin (Lm45.00) fix-xahar kif ukoll is-somma ta’ hmistax-il lira Maltin (Lm15.00) addizzjonali fix-xahar liema somma ghandha tigi depozitata f’kont ta’ HSBC ghall-minuri;

Illi dan il-manteniment hekk stabbilit huwa eccessiv u ma jirriflettix la l-mezzi ta’ l-esponent u lanqas il-bzonnijet tal-minuri;

Illi l-esponent huwa dizokkupat u qieghed ifittex xoghol versu l-Employment Training Corporation, u ma huwiex fi stat finanzjarju li jhallas il-manteniment hekk stabbilit favur il-minuri;

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Thassar u tirrevoka d-digriet numru 256/2002 moghti mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili ghal dak li jirrigwarda l-manteniment pagabbli favur il-minuri;

2. Tillikwida l-manteniment pagabbli mill-attur lill-konvenuta ghall-htigijiet ta’ l-imsemmi minuri, skond il-mezzi ta’ l-attur u l-bzonnijiet tal-minuri;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta illi minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta tat-28 t’Awissu 2002 a fol. 10 fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* illi mhuwiex minnu li l-attur mhuwiex fi stat finanzjarju li jhallas il-manteniment stabbilit mill-minuri;

2. Illi l-manteniment stabbilit mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili (digriet numru 256/2002) huwa wiehed gust u jirrifletti kemm il-mezzi reali ta’ l-attur kif ukoll il-bzonnijiet tal-minuri kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 11 tal-process.

Rat il-verbali tat-30 t’Ottubru 2002 fejn inghata digriet ta’ l-affidavits tal-partijiet b’terminu ta’ erbghin (40) gurnata kull wiehed. Il-Qorti nnominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju biex wara tali terminu jiffissa erba’ seduti ghall-konkluzjoni tal-provi tal-partijiet; tal-10 t’April 2003; tal-1 t’Ottubru 2003; tat-22 ta’ Jannar 2004; u tat-22 t’April 2004 fejn Dr. Albert Libreri ghall-attur nforma lill-Qorti li l-attur qed jitlob biss li l-obbligu ta’ manteniment jigi sospiz f’kaz li hu ma jkunx qed jahdem.

Rat is-seduti quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia datati 11 ta’ Frar 2003 fejn xehed l-attur; tal-4 ta’ Marzu 2003 fejn l-attur esebixxa xi dokumenti; tal-14 ta’ Marzu 2003 fejn xehed Edwin Mallia ta’ L-ETC u Catherine Fenech ghan-nom tas-socjeta’ HSBC plc; tal-25 ta’ Marzu 2004 fejn rega’ xehed l-istess Edwin Mallia; tat-2 ta’ Settembru 2003 fejn xehed l-attur in kontro-ezami; tad-29 ta’ Settembru 2003 fejn xehed Carmel Azzopardi ghan-nom tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali; tas-26 ta’

Novembru 2003 fejn xehdu z-zewg partijiet in kontro-ezami; u tas-16 ta' Marzu 2004 fejn il-konvenuta kompliet tixhed in kontro-ezami.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 16 ta' Settembru 2003 fejn ipprezentat l-affidavit taghha.

Rat il-verbali tat-12 t'Ottubru 2004 u tat-2 ta' Novembru 2004 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-3 ta' Novembru 2004.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jitlob li jigi revokat id-digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili Numru 256/2002 li permezz tieghu l-istess attur, allura intimat, kien gie ordnat sabiex ihallas bhala manteniment ghall-minuri Justin li twieled fl-20 ta' April 2000 is-somma ta' hamsa u erbghin fix-xahar u wkoll jiddepozita s-somma ta' hmistax-il lira Maltin (Lm15) addizzjonali fix-xahar f'kont tal-bank mas-socjeta' HSBC plc f'isem l-istess minuri.

Illi l-istess attur qed jitlob li jigi revokat l-istess Digriet peress li skond huwa l-ammont hemm indikat huwa eccessiv u ma' jirriflettix il-mezzi tal-attur u lanqas il-bzonnijiet tal-minuri, tant li qed jghid li huwa dizokkupat u ma huwiex fi stat finanzarju sabiex ihallas l-istess manteniment.

Illi wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha migbura din il-Qorti thoss li x-xhieda ta' l-istess l-attur ma hija bl-ebda mod kredibbli u jirrizulta fil-fatt li mill-kumpless tal-provi, li l-attur ma rnexxielux jipprova l-allegazzjonijiet tieghu.

Illi fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta li fix-xhieda tat-2 ta' Frar 2003 li l-attur jghid li bejn it-18 ta' April 2002 sal-11 ta' Frar 2003 huwa gieli hadem. Fil-fatt dan jirrizulta kkonfermat mid-dokumenti esebiti mill-*Employment and*

*Training Corporation,* fejn jidher li huwa rregistra bhala *self employed part time.* Skond ix-xhieda ta’ Edwin Mallia tal-14 ta’ Marzu 2003 l-istess attur rega’ beda jahdem bhala *part- time handyman* mill-24 ta’ Frar 2003. Jidher li kien jahdem ghal diversi perjodi u dawn jinsabu elenkati mid-dokumenti li gew esebiti mill-istess xhud bhala Dok. “EM” u Dok. “X”. Jirrizulta wkoll li l-istess attur gie sospiz milli jirregistra ghax-xoghol ghaliex kien instab li qed jahdem, u dan jghidu kategorikament l-istess Edwin Mallia li xehed testwalment li *“instab jahdem ... f’dar gdida l-Manikata.”*

Illi l-istess attur fis-seduta tat-2 ta’ Settembru 2003 ammetta li kien qed jahdem ghal rasu u jaqla’ hmistax-il lira kuljum u kien qed jahdem xoghol fil-Belt, fi Triq l-Ifran u kien ilu jahdem hemm minn Gunju 2003. Fis-seduta tas-26 ta’ Novembru 2003 sostna li qed jahdem ghal rasu bhala *wholesaler* mill-11 ta’ Settembru 2003 u wkoll spjega kif favur it-tifel fetah *Lifestyle Children’s Plan* ma’ l-HSBC Life Assurance plc kif indikat minn Dok. “CC1” a fol. 54 tal-process.

Illi mill-kontijiet bankarji esebiti mal-HSBC plc. jirrizulta li l-istess attur kien ihaddem almenu kont kurrenti ma’ l-istess bank bin-numru 75 101 5887, liema numru tbiddel ghal dak numru 075 – 047654 – 001 esebit bhala Dok. “CF 2” fil-process u li dwaru xehdet Catherine Fenech fis-seduta tal-14 ta’ Marzu 2003. Jidher ukoll li l-istess attur bejn t-12 ta’ April 2000 u s-16 ta’ Marzu 2001 kellu wkoll *savings account* numru 75 407 6208, liema kont gie maghluq billi l-istess attur irtira *circa* Lm2,209.30 minnu. Jidher ukoll li l-istess attur kellu kontijiet ohra wkoll esebiti f’dan il-process mill-istess xhud.

Illi mill-provi prodotti ghalhekk jirrizulta li l-istess attur jahdem u ghandu sengha ta’ bajjad, jaghmel il-*gypsum* ukoll u jaghmel ukoll xoghol relatat ma’ l-istess sengha, u llum anke xoghol iehor. Jidher li l-istess attur ma kellu l-ebda problema ta’ xoghol, izda l-problema tieghu kienet biss li ma riedx dejjem juri li jahdem u dan certament ghall-iskopijiet tieghu.

Illi apparti dan jirrizulta wkoll li minn April 2000 sa Dicembru 2001 kien jaghti lill-konvenuta bhala manteniment ghall-istess minuri l-ammont ta’ tletin (Lm30) fix-xahar. Illum jirrizulta li l-istess attur qed ihallas il-manteniment ordnat mill-Qorti fl-ammont ta’ hamsa u erbghin lira Maltin (Lm45) fix-xahar u dan fil-fatt gie anke verbalizzat mill-partijiet fis-seduta tat-23 ta’ Settembru 2003 a fol. 48 tal-process.

Illi min-naha l-ohra jirrizulta li l-konvenuta tahdem *part-time* u taqla’ ghoxrin lira Maltin (Lm20) fil-gimgha mal-*“Tal-Ginger Service Store”*, tiehu hamsa u erbghin lira Maltin (Lm45) fil-gimgha minghand l-attur u wkoll tircievi l-assistenza socjali kif indikat minn Carmel Azzopardi rapprezentat tad-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali fis-seduta tad-29 ta’ Settembru 2003 quddiem l-Assistent Gudizzjarju, apparti li tircievi c-*children’s allowance.*

Illi fid-dawl ta’ dawn il-provi kollha jirrizulta bla ebda dubju ta’ xejn li l-azzjoni attrici ma’ gietx ippruvata, *stante* li ma hemm l-ebda raguni ghaliex ghaliex l-imsemmi digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, fejn dik il-Qorti ordnat lill-attur sabiex ihallas il-manteniment lill-minuri Justin fl-ammont ta’ hamsa u erbghin lira Maltin (Lm45) fix-xahar *oltre* s-somma ta’ hmistax-il lira Maltin (Lm15) fix-xahar bhala depozitu f’kont mal-HSBC plc ghandu jigi mnaqqas. Dan ghaliex mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur kellu s-sengha ta’ bajjad u dejjem hadem, ghalkemm gieli kien jirregistra bhala dizokkupat, u fil-fatt gieli nqata’ mir-registrazzjoni proprju ghaliex inqabad mid-dipartiment koncernat li kien qed jahdem u jirregistra ghax-xoghol fl-istess hin. Dan apparti li l-istess konvenuta tixhed li l-istess attur dejjem baqa’ jahdem, peress li anke meta kien imur ghat-tifel gieli mar bil-hwejjeg tax-xoghol. Fil-fatt jirrizulta li l-istess attur qed ihallas lill-konvenuta l-istess manteniment li gie ordnat mill-Qorti, tant li fl-ahhar verbal tas-seduta tat-22 ta’ April 2004, l-attur biddel il-pozizzjoni tieghu f’din il-kawza (u dan certament anke in vista tal-provi prodotti, li ma jaghtu l-ebda aditu ghall-azzjoni attrici) billi *tramite* d-difensur tieghu ddikjara li *“… qed jitlob biss li*

*l-obbligu ta' manteniment jigi sospiz f'kaz li l-attur ma' jkunx qed jahdem".*

Illi ma hemm l-ebda dubju li bhala missier l-istess attur ghandu obbligu li jikkontribixxi ghall-manteniment ta' ibnu. Dan l-attur jirrikonoxxih bla ebda tlaqliq, u fic-cirkostanzi jirrizulta li l-istess manteniment li gie ordnat jikkontribwixxi ghal ibnu certament ma' jistax jinghad li huwa b'xi mod eccessiv.

Illi ghalhekk fl-optika ta' l-azzjoni attrici din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi tal-kaz dak li ser taghmel hija biss li tikkonferma d-Digriet ta' manteniment ghall-minuri Justin skond id-Digriet tas-Sekond' Awla Numru 256/2002, u tikkonferma li l-istess attur huwa obbligat li jhallas bhala manteniment tal-minuri ibnu Justin, li huwa rrikonoxxa permezz ta' dikjarazzjoni pubblika b'kuntratt tat-12 ta' April 2001 fl-atti tan-Nutar Peter Fleri-Soler, l-istess rati mensili ta' manteniment hemm degretati, b'dan li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda *stante* li huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt, u addirittura frivoli u vessatorji.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, **tichad it-talbiet attrici** *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

Illi *inoltre* minhabba li l-attur abbuza mill-proceduri quddiem din il-Qorti u dan huwa rifless mill-mod li huwa ressaq din ic-citazzjoni attrici kien ghal kollox fieragh u vessatorju. Dan apparti l-mod kif l-istess attur ressaq il-provi tieghu fejn anke njora d-digrieti ta' din il-Qorti dwar l-istess, b'dan li bla dubju tawwal is-smiegh tal-kawza bla bzonn. In vista ta' dan kollu din il-Qorti b'applikazzjoni tal-**paragrafu 10 tal-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tordna lill-attur jhallas is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250) bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlas ta' l-imsemmija spejjez addizzjonali

ghandu jsir fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------